**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 1 ta' Marzu 2018**

**Pulizija**

**Spettur Roderick Spiteri**

**Vs**

**Michael Zarb**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Michael Zarb, 48 sena, iben Joseph u Inez nee' Attard, imwieled Birkirkara nhar id-9 ta' Novembru, 1967, detentur tal-karta tal-identita 18768M u residenti 66, Marika House, Triq il-Vitorja, Birkirkara;

Talli fit-19 ta' Frar, 2015, ghall-habta ta' bejn 10:00hrs u 11:30hrs fl-Imdawra, L/O, Naxxar:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Philip Ellul;

2) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-bon ordni b'ghajjat, sorbju u/jew xort ohra;

3) U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi mghotija lilu mill-Magistrati ta' Malta liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4) Il-Qorti hija gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Philip Ellul.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien jahdem ghal rasu bhala bennej, u fiz-zmien tal-incident kien dahhal jahdem mieghu lil Philip Ellul, il-parti leza, bhala lavrant. Gara li inqala' dizgwid bejniethom fuq hlas u fuq kwalita' ta' xoghol, u dan id-dizgwid zviluppa f'argument u gew fl-idejn. Il-parti leza sofra griehi f'dan l-argument, sar rapport lill-Pulizija, u tmexxiet l-azzjoni kriminali kontra l-imputat.

Mill-provi prodotti rrizulta li Ellul u Zarb ma kienux qed jaqblu bejniethom fuq ix-xoghol u l-hlas li kellu jsir. Ellul qal li gie aggredit mill-imputat, li qabad bicca miksura minn 'brick' tal-konkos, u laghblu daqqa biha f'wiccu, li per konsegwenza taghha sofra griehi gravi f'wiccu. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din il-verzjoni ta' fatti, specjalment minhabba fix-xiehda moghtija minn certu Mario Scicluna. Dan Scicluna qal li hu kien qabbad lil Zarb jaghmillu xoghol ta' bini, u darba minnhom gab lil Ellul jahdem mieghu. Qam argument bejniethom, u kien Ellul li hebb ghall-imputat. Zarb zamm din il-'brick' f'idejh, izda qatt ma ta biha jew uzaha biex jiddefendi ruhu. Hu zammha 'l fuq f'idejh, u qatt ma nizzilha. Kienu mqabbdin f'xulxin, u hin minnhom Ellul zelaq. Fil-fatt Scicluna jghid li dak il-hin ra lil Ellul bid-demm hiereg minn xofftu. Fl-ebda hin ma ra lil Zarb jaghtih daqqiet.

Il-Qorti temmen din il-verzjoni ta' fatti moghtija minn xhud okulari. Li kieku Zarb verament ta daqqa bil-'brick' f'wicc Ellul, il-konsegwenzi kienu jkunu hafna aktar serji, anke peress illi Zarb huwa ferm itwal minn Ellul. Il-griehi sofferti mill-parti leza assolutament m'humiex kompatibbli ma' griehi b'rizultat ta' daqqa ta' konkos. Apparti minn hekk, l-argument qam fuq hlas li ried Ellul minn ghand Zarb, u kien Ellul li aggredixxa lill-imputat, li min-naha tieghu iddefenda ruhu minn din l-aggressjoni minghajr ma ghamel xejn lill-iehor. Ghalhekk il-Qorti mhix ser issib lill-imputat hati ta' dan l-incident, u sejra tilliberah minnu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 216(1), 338 (dd), 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberah minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**